# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT
## Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. LL.M. Mag. Jur. (EU Law)

**Seduta tal-lum it-Tlieta 8 ta' Mejju, 2001**

Avviz numru 55/00G2

Simonds Farsons Cisk plc

-vs-

Charles Mercieca u martu Denise Mercieca ghall-kwalunkwe interess li jista' jkollha

Il-Qorti;

Rat l-avviz ipprezentat mis-socjeta' attrici fejn l-istess socjeta' talbet li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuha l-ammont ta' seba' mija u lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm701.74) rapprezentanti l-hlas lura tal-bilanc minn somma mislufa lill-konvenuti ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) skond ftehim iffirmat fl-1 ta' Mejju 1996 liema bilanc mis-somma mislufa lill-konvenuti ghadu ma giex skontat mill-konvenuti skond l-istess ftehim.

Bl-imghax legali skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' April 1998 u ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2000 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed jigu mharrka.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Rat il-verbal tal-lum 8 ta' Mejju 2001.

Fuq ammissjoni;

Il-Qorti;

Jidhrilha illi t-talbiet attrici huma gustifikati, ghaldaqstant tiddeciedi l-kawza billi tilqa' l-istess talbiet, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-kumpanija attrici l-ammont ta' seba' mija u lira u erbgha u sebghin centezmu (LM701.74) rapprezentanti l-hlas lura tal-bilanc minn somma mislufa lill-konvenuti ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) skond ftehim iffirmat fl-1 ta' Mejju 1996.

Bl-imghax legali skond il-ligi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-11 ta' April 1998 u ta' l-ittra ufficjali tal-20 ta' Marzu 2000 kollha kontra l-konvenuti.

(ft.) A.Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur